C/2025/475

17.1.2025

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

(C/2025/475)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tas-Sur Aliaksandr Uladzimirovich KARNIENKA (nru 196), is-Sur Anton Genadzevich DUDAL (nru 260), is-Sur Nikolai Vasilievich SERGEEVICH (nru 261), persuni li jidhru fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK [1] u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 [2] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Il-Kunsill qed jipprevedi li jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuni msemmijin hawn fuq.

Dawk il-persuni huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet prevista għaż-żamma tad-deżinjazzjoni tagħhom, qabel l-**24 ta' Jannar 2025**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1 Horizontal and Global Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

---

[1] ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.
[2] ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.